# IL-ĦAJJA

ta' WALTER R. ZAHRA

Lil Marti Ċuża li d-destin
firidni minnha tlett snin ilu.

Hu d-destin li jmexxi 'l-bniedem
Fit-triqat kollha ta' ħajtu,
Tista' taħdem, tista' tishar
Sabiex tħassar il-miktub,
B'danakollu jiġri dejjem
Dak li hu, mhux il-maqlub!

Kemm-il darba tul ħajjitna
Ħsibna l' aħna wisq għorrief
Ma qgħadniex għal li hu tajjeb
Imxejna b'parir in-nies,
Biex maż-żmien iddispjaċiena
Għax għemilna kien bla qies!

Id-destin lill-qalb inebbaħ
B'dak li jiġri għandu jsir,
Għalhekk iblaħ min jinganna
Għaliex wara jsib id-dwejjaq,
Jisfa waħdu, mingħajr ħbieb!

Tajjeb wieħed illi jaħseb,
Jaħseb sewwa u bil-qies,
Iżda l-ħsieb għandu jkun tiegħu
Mhux magħmul għalih min-nies.
Nagħmlu żball jiddispjaċina
U fl-imrar dan iħallina.

Tajjeb niżnu x'sejrin nagħmlu
Ma mmorrux kontra d-destin!
Iħabbatlek dan biss darba
Forsi tnejn ma' tul is-snin!
Nagħtu widen għalli nebbaħ
Biss pariru huwa bnin!

(Tkompli f'qiegħ pagna 113)



# LA JĊEDI...

Ġo fija hemm reġiment suldati mwerwra
resqin lejn il-fruntiera ta' l-egħdewwa,
iħabbtu bla programm fuq tnabar goffi
u jsabbtu ż-żraben tqal ma' l-art li tafhom.
Ġo fija hemm bejta żnażan xjuħ mitlufa
f'dillierju li ma waqaf qatt iduru
għalxejn fi ċrieki tondi fuq ward niexef.

La jċedi kull suldat u jmut bħas-soltu,
u kull żunżana taqa' fl-art storduta,
min jaf għadx nibqa' nisma' d-diwi tagħhom?

8/11/71. **Oliver Friggieri**

* * *

# JA QANPIENA

Fil-pjazza ħadd m'hu qiegħed jibki miegħi
u miegħek, ja qanpiena ta' l-imgħoddi,
f'dil-bikja mingħajr dmugħ.

Jekk sħabi jilmħu l-ħmura ġewwa għajnejja
jiddieħku bija w jorbtu lsienek miegħek
għal dejjem biex ma terġa' qatt tbikkini.

Għalhekk, aqta' malajr din l-eleġija.
Iddoqq x'iddoqq, jien leħnek nifhmu xorta
u xorta nibki.

27/10/71. **Oliver Friggieri**

---

Ma nidħqux bina infusna
Billi nkunu għorrief wisq;
Il-għerf biss ta' dak li għandu
Ħila f'ħajtu jġib ir-risq!
Għorrief dawk illi ż-żmien rebħu,
Qabel xjieħu bla ma ntebħu!

9 t'Awissu 1972.